MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1347/2002

Kawza fil-lista: 3

**A B C f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri E nominata b' digriet tat-28 ta' Novembru 2002**
**Vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fit-8 ta' Frar 2006 li permezz tieghu talab li jggustifika l-kontumacja tieghu u jgi awtorizzat jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet;

Rat ir-risposta ta' l-attrici prezentata fis-6 ta' Marzu 2006;

Rat l-atti kollha relattivi tal-kawza;

Ikkunsidrat;

In tema legali hija opportuna l-osservazzjoni maghmula mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza *Rev.Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai [2000][Vol.LXXXIV.II.893]* fis-sens li l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikologikament b' dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b' kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata. U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta' difiza.
Illi ezami tal-atti tal-kaz juru bic-car li ma kienx hemm non kuranza manifestatnti kontumelja u dispett da parti tal-konvenut; izda piuttost jidher li kien hemm malintiz li wassal lill-konvenut x' jifhem li huwa seta' jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri. Certament il-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ma thoss li huwa gust li tippriva lill-konvenut mid-dritt tad-difiza shiha tal-kaz tieghu.

Ghaldaqstant tikkunsidera t-talba tal-konvenut bhala gusta fic-cirkostanzi u timmerita li tigi milqugha; u ghalhekk tilqa' it-talba tieghu u tawtorizzah jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin jum millum. L-ispejjez ta' din l-istanza a kariku ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------